**Attivitajiet Settembru 2025**

**Il-5 ta' Settembru 2025-**Għadira. Niltaqgħu ħdejn il-kiosk La Sosta.
Ġibu kollox magħkom.

**It-12 ta' Settembru 2025–** Pizza, pasta karaoke night ġewwa Tiki Taka Restaurant San Ġwann. Prezz 15€-Booking Maureen Tarpey fuq 79895387.

**Id-19 ta' Settembru 2025–** Picnic ġewwa l-Għarusa tal-Mosta.20.00. Ġibu kollox magħkom.

**Is-26 ta' Settembru 2025-**Birthday Celebrations Buffet ġewwa s-Seaview Hotel-20.00 **Booking Marthese Falzon** permezz ta' Revolut fuq 99666426.
Se jkun hemm Dance floor żgħira u mużika. **Prezz 25€.**




*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

Fuljett ta' kull xahar




Volum 27
Ħarġa 09
Settembru 2025

**Għalfejn jien?**

Għidu l-verità. Kemm il-darba staqsejthu din id-domanda. Din id-domanda flimkien ma domandi oħra li jiena ċert li m'għandomx tweġiba. Minn naħa l-oħra, hawn min jistaqsi 'Għalfejn mhux jien?' Mhux fid-dinja qiegħed? Naturalment hawn jidħol ir-reliġjon u fidi qawwija. Jiena ili li ddeċidejt li fuq reliġjon ma nitkellimx għax nemmen li kulħadd huwa liberu li jemmen li jrid. Mhux għax m'għandix opinjoni imma......

Meta kont qed nipparteċipa fit-taħditiet ta' bandiera bajda, kemm il-darba ħassejtni ħuta barra mill-ilma. Indunajt kemm huwa sewwa meta ngħidu li kulħadd tiegħu iħoss. Kien hemm bosta missirijiet li batew ħafna biex rabbew lill-uliedhom jew saħansitra biex kellhom it-tfal. Min għal raġuni u min għal oħra, pero tisma missirijiet jitkellmu u titbikkem. U jien tkellimt bħala armel. Jien ukoll batejt ħafna biex rabbejt lit-tfal waħdi.

Naħseb li s-sapport hawn jidħol bis-saħħa kollha tiegħu għax emmnuni mingħajr sapport, it-triq hija iebsa ferm biex timxiha waħdek. Naf li mhux kulħadd l-istess, mhux kulħadd jirreaġixxi l-istess għall intoppi li jinqalgħu fil-ħajja.

Mid-dehra din il-biċċa tal-ulied hija problema ferm akbar milli kont naħseb jien. Jiena dejjem ngħid li jekk aħna nbagħtu għax tlifna lil-mara jew lir-raġel, uliedna jbagħtu ħafna wkoll. Kulħadd ibgħati u kulħadd tiegħu iħoss. Pero ma nixba qatt ngħid jien, li aħna bħala romol, aħna mportanti wkoll, ħafna wkoll għax jekk nispiċċaw aħna ikun spiċċa kollox. Li xi ħadd jikkontrollana bir-remote mhux sewwa. Ħajjitna niddeċiedu aħna kif ngħixuha. Pariri iva, indħil żejjed le. Dejjem nieqfu ftit u bil-kalma kollha niddeċiedu aħna kif nixtiequ ngħixu ħajjitna. Bil-kalma kollha ma jfissirx li ma niddeċiedu qatt imma f'dawn l-affarijiet ma hemmx għaġla. **Ftakru li l-passat hu miktub, il-futur ħadd ma raħ. Jifdal biss il-preżent u l-preżent huwa tagħna.**

*Ikompli f'paġna 2*

**Imma d-dinja vera qed tisħon?**

Skond l-esperti (li mhux kollha jaqblu fuq fejn hu l-aktar post sħun fid-dinja) dan huwa vera! It-temperaturi globali qed jogħlew b'mod kostanti, u r-rata qed tiżdied. Dan huwa primarjament ikkawżat minn attivitajiet tal-bniedem li jirrilaxxaw gassijiet serra fl-atmosfera, jaqbdu s-sħana u jwasslu għal pjaneta biex dejjem tisħon aktar. Illum, diversi postijiet qed jesperjenzaw sħana estrema. Fil-Kuwajt, bliet bħal Mubarak Al-Abdullah, Al Ahmadi, u l-Belt tal-Kuwajt kollha qed jirrappurtaw 43 ° C (109 ° F). Diversi postijiet fl-Iran, inklużi Iranshahr, Ahvaz, u Bandar E Mahshahr, qed jesperjenzaw ukoll temperaturi għoljin ta '42 ° C (108 ° F). Barra minn hekk, diversi bliet fil-Lbiċ tal-Istati Uniti, bħal Blythe, Yuma, u Phoenix, qed jesperjenzaw ukoll temperaturi għoljin madwar 43 ° C (109 ° F).

**Qed tħossuha s-sħana?**

Liema hu l-iktar postijiet sħan fid-dinja kollha bħalissa? Jidher li l-Kuwajt, L-Istati Uniti, l-Iran u Emirati Għarab Maqgħuda huma l-aktar pajjiżi li jsofr s-sħana.

**Mubarak Al-Abdullah, Kuwajt:** 43°C (109°F)
**Al Ahmadi, Kuwajt:** 43°C (109°F)

**Kuwajt City, Kuwajt:** 43°C (109°F)

**Blythe, USA:** 43°C (109°F)

**Yuma, USA:** 43°C (109°F)

**Phoenix, USA:** 43°C (109°F)

**Iranshahr, Iran:** 42°C (108°F)

**Al Ayn, UAE:** 42°C (108°F)

**Ahvaz, Iran:** 42°C (108°F)

**Bandar E Mahshahr, Iran:** 42°C (108°F)

**Victor**

Riċenti telagħli dan l-artiklu u xtaqt naqsmu magħkom.

Għalliem qabad żewġ tuffieħat u preżenthom lill-istudenti. Li ma kienux jafu l-istudenti hu li qabel daħal fil-klassi, l-għalliem kien waqqa' waħda minnhom fl-art imma minn barra dawn iż-żewġ tuffieħat kienu jidhru l-istess.

L-għalliem għamel diskussjoni mal-istudenti fuq dawn iż-żewġ frottiet – kif it-tnejn kienu jidhru l-istess, ħomor, sbieħ u tajbin għall-ikel.

Imbagħad l-għalliem qabad it-tuffieħa li kien waqqa' qabel u beda jgħid kemm ma kienetx togħġbu – kemm kellha kulur ikrah u l-forma tagħha mhux eżatt. Qallhom li la ma togħġobx lilu m'għandiex togħġob lilhom l-anqas. Għalhekk talab lill-istudenti biex jibdew jagħjruha u dawn hekk għamlu.

Bdew itugħha kull titlu li beda' jiġi f'moħħhom dak il-ħin, min jgħid li tinten, min jgħid li fiha d-dud, min jgħid li jixtieq li ma kinetx hemm – insomma, kull kelma li għaddiet mill-immaġinazzjoni tagħhom dak il-ħin.

Imbagħad daru għat-tuffieħa l-oħra u bdew iffaħruha. Bdew jgħidu kemm hi sabiħa, li għandha kulur ħamrani, kemm tidher ħelwa, insomma, kull aġġettiv pożżittiv li ftakru dak il-ħin. Wara dan, l-għalliem qasam iż-żewġ tuffieħat li kienu jidhru l-istess minn barra. Pero, it-tuffieħa li kienet ġiet insulentata kienet imbenġla u magħfġa minn ġewwa.

It-tfal indunaw x'kien qed jipprova jurihom l-għalliem. It-tuffieħa magħfġa u mbenġla minn ġewwa tirrapreżenta il-weġgħat ta' kull wieħed u waħda minna li jkollna internament minħabba nuqqas ta' rispett jew kliem li jingħad bla ħsieb. Kemm il-darba wieħed jibqa' jitbissem u jidher normali imma jkun qed iġorr weġgħat interni minħabba kliem li jingħad bla ħsieb.

Aħna kollha diġa għaddejna minn ħafna. Nipruvaw noqgħodu attenti u nibżgħu għal xulxin. Nipruvaw ma nżidux mal-weġgħat li diġa nġorru b'nuqqas ta' ħsieb. Nżommu f'moħħna li kollha għandna karattri differenti u forsi dik il-kelma li qlajt minn fuq l-istonku serħet lilek imma kissret lil ħaddieħor. Minn hawn nixtieq nitlob skuża jekk xi darba ma ħsibtx fil-konsegwenzi ta' kliemi jew għemilhi u forsi weġġajt lil xi ħadd minnkom.

**Therese**